MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 151/2009

Andrea Attard (Id 598285M).

Vs

Global Security Services Limited (C40750).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur ipremetta li huwa kien gie mqabbad mis-socjeta’ konvenuta sabiex jippresta servizzi ta’ *security guard*, liema servizz huwa ppresta f’zewg perjodi bejn it-tletin (30) ta’ Gunju 2008 u l-erbgha (4) ta’ Lulju 2008, kif ukoll bejn il-hamsa (5) ta’ Lulju 2008 u l-hamsa (5) ta’ Awissu, 2008, ghal total ta’ mitejn, wiehed u ghoxrin (221) siegha. Illi l-kumpens pattwit bejn l-attur u s-socjeta’ konvenuta kien dak ta’ tlett Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€3.26) fis-siegha. Illi fil-hamsa (5) ta’ Awissu, 2008, dan il-ftehim gie terminat mis-socjeta’ konvenuta minghajr ma l-attur thallas dak lilu dovut ghas-servizz pprestat kif hawn fuq spjegat. Minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas ta’ l-istess,

is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti. Ghaldaqstant, l-attur jitlob li dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-istess attur is-somma ta' seba mija u ghoxrin Ewro u wiehed u sebghin Ewro (€720.71), rapprezentanti kumpens dovut lill-attur mill-istess socjeta' konvenuta kif spjegat. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data li l-ammont komplessiv kif mitlub sar dovut, kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi muri fil-mori tal-kawza; illi l-attur qatt ma kien impjegat tas-socjeta' konvenuta u fil-fatt gie mqabbad mis-socjeta' konvenuta a bazi ta' prova/training; illi fiz-zmien li hu kien qed jaghmel l-imsemmi *training*, agixxa b'mod abbusiv u illegali u sahansitra ghamel affarijiet li jmorru kontra l-professjoni li ghalih kien qed jaghmel *training* u ghalhekk l-ammont minnu mitlub, anki li kieku kien qed jahdem ufficjalment, m'huwiex dovut; illi kawza ta' dan l-agir tieghu, s-socjeta' konvenuta soffriet danni kbar, kif ser jgi muri fil-mori tal-kawza, inkluz li ma thallsitx tax-xoghol li ghamlet. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema x-xhieda ta' l-attur Andrea Attard.

Sema x-xhieda ta' Annie Attard prodotta mill-attur.

Sema x-xhieda ta' Ivan Spiteri Lucas prodott mill-attur.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi l-attur kemm permezz tax-xhieda moghtija minnu stess, kif ukoll permezz tax-xhieda l-ohra li huwa pproduca, rnexxilu jipprova li fil-perjodi msemmija fl-Avviz, huwa kien ippresta servizzi ta' *security guard* lis-socjeta' konvenuta,

u li ta’ dawk is-sieghat kollha li huwa hadem, baqa ma thallas xejn mis-socjeta’ konvenuta.

Skond l-attur, is-sieghat li hadem kienu jikkonsistu b’kollox f’mitejn u wiehed u ghoxrin siegha (221), u kellu jithallas bir-rata ta’ €3.26 Ewro fis-siegha.  B’hekk jigi li l-ammont globali dovut lill-attur huwa dak ta’ seba mija u ghoxrin Ewro, u sitta u erbghin centezmu (€720.46).

Illi omm l-attur, Annie Attard, ikkonfermat ukoll li l-attur kien hadem is-sieghat imsemmija, ghaliex hija mhux biss kienet izzomm rendikont tas-sieghat li kien qieghed jahdem binha, izda kienet anki twasslu x-xoghol.

Illi minn-naha taghha s-socjeta’ konvenuta ma resqet l-ebda provi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha, alavolja inghatat diversi opportunitajiet sabiex taghmel dan. Ghalhekk l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta in kwantu ma gew bl-ebda mod ippruvati, ma jistghux jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ konvenuta, jilqa t-talba attrici u jikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ seba mija u ghoxrin Ewro, u sitta u erbghin centezmu (€720.46), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------